IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.6.2025
COM(2025) 342 final

2025/0187 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-Awtorizzazzjoni ta' Appoġġ mir-Riżerva tal-UE taċ-Ċibersigurtà għall-Moldova**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MT MT

2025/0187 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-Awtorizzazzjoni ta' Appoġġ mir-Riżerva tal-UE taċ-Ċibersigurtà għall-Moldova**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2025/38 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 li jistabbilixxi miżuri li jsaħħu s-solidarjetà u l-kapaċitajiet fl-Unjoni tal-identifikazzjoni, tat-tħejjija u tar-rispons għat-theddid u l-inċidenti ċibernetiċi u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/694 (Att dwar iċ-Ċibersolidarjetà)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill Ewropew afferma li l-Unjoni se tkompli tipprovdi l-appoġġ rilevanti kollu lir-Repubblika tal-Moldova (minn hawn 'il quddiem il-Moldova) hekk kif qed tħabbat wiċċha mal-impatt multidimensjonali tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

(2) Fit-23 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill Ewropew ta lill-Moldova l-istatus ta' pajjiż kandidat. Id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq l-issodisfar mill-Moldova tal-kundizzjonijiet speċifikati fl-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Ġunju 2022 dwar l-applikazzjoni għas-sħubija tal-Moldova. Fl-14 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jiftaħ in-negozjati tal-adeżjoni mal-Moldova, wara r-rakkomandazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni.

(3) L-inċidenti taċ-ċibersigurtà qed ikomplu jikkawżaw impatt ekonomiku u soċjetali kemm fl-Unjoni kollha kif ukoll fil-livell dinji. It-theddid ċibernetiku jevolvi b'mod partikolarment rapidu f'xi wħud mill-pajjiżi kandidati tal-UE, fejn inċidenti possibbli sinifikanti jew fuq skala kbira jistgħu jfixklu u jagħmlu ħsara lill-infrastruttura kritika, jinterferixxu mal-funzjonament tajjeb tal-ekonomija u l-istituzzjonijiet tagħhom jew joħolqu riskji serji għas-sigurtà u għas-sikurezza pubblika għall-entitajiet jew għaċ-ċittadini. Dan huwa partikolarment il-każ fil-Moldova fejn ir-Russja twettaq kampanji ibridi u attakki ċibernetiċi biex thedded l-infrastruttura kritika, il-proċessi demokratiċi u l-infrastruttura elettorali.

[1] ĠU L 38/2025, 15.1.2025, *ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/38/oj.*

(4) Filwaqt li titqies in-natura imprevedibbli tal-attakki fuq iċ-ċibersigurtà u l-fatt li dawn spiss ma jkunux ristretti għal xi żona ġeografika speċifika u jkunu jippreżentaw riskju għoli ta' effetti konsegwenzjali, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-pajjiżi ġirien u tal-kapaċità tagħhom li jirrispondu b'mod effettiv għall-inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti u fuq skala kbira jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-Unjoni, u b'mod partikolari tas-suq intern u tal-industrija tagħha, b'mod ġenerali. Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2025/38 jipprevedi li l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Ewropa Diġitali (DIGITAL) ("DEP", Digital Europe Programme) jistgħu jiġu appoġġati mir-Riżerva tal-UE taċ-Ċibersigurtà ("ir-Riżerva"), fit-territorji kollha tagħhom jew f'parti minnhom, fejn dan ikun previst fil-ftehim li jassoċja l-pajjiż terz mad-DEP.

(5) Kif previst fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2025/38, il-pajjiżi terzi assoċjati mad-DEP jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu s-servizz mir-Riżerva meta l-entitajiet fil-mira u li għalihom jitolbu appoġġ mir-Riżerva jkunu entitajiet li joperaw f'setturi ta' kritiċità għolja jew f'setturi kritiċi oħra u meta l-inċidenti identifikati jwasslu għal tfixkil operazzjonali sinifikanti jew jista' jkollhom effetti konsegwenzjali fl-Unjoni. Il-pajjiżi terzi assoċjati mad-DEP jenħtieġ li jkunu eliġibbli biss li jirċievu appoġġ meta l-ftehim li jassoċjahom mad-DEP jipprevedi speċifikament tali appoġġ. Barra minn hekk, tali pajjiżi terzi jenħtieġ li jibqgħu eliġibbli biss sakemm jiġu ssodisfati tliet kriterji. L-ewwel nett, il-pajjiż terz jenħtieġ li jikkonforma bis-sħiħ mat-termini rilevanti ta' dak il-ftehim. It-tieni, minħabba n-natura komplementari tar-Riżerva, il-pajjiż terz jenħtieġ li jkun ħa passi xierqa biex iħejji għal inċidenti taċ-ċibersigurtà sinifikanti jew fuq skala kbira ekwivalenti. It-tielet, il-forniment ta' appoġġ mir-Riżerva jenħtieġ li jkun konsistenti mal-politika tal-Unjoni fil-konfront ta' dak il-pajjiż u tar-relazzjonijiet ġenerali miegħu, u mal-politiki l-oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà.

(6) Il-forniment ta' appoġġ lil pajjiżi terzi assoċjati mad-DEP jista' jaffettwa r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u l-politika ta' sigurtà tal-Unjoni, inkluż fil-kuntest tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni. Għaldaqstant, l-Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) 2025/38 jippermetti li l-att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill jispeċifika l-perjodu ta' żmien li matulu jista' jiġi pprovdut tali appoġġ, li jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 75 jum għal talba waħda. Il-Kunsill jenħtieġ li jaġixxi abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, filwaqt li jqis kif xieraq il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tat-tliet kriterji.

(7) Il-Moldova ntlaqtet ħafna mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, filwaqt li kienet ukoll direttament fil-mira tal-attivitajiet ibridi tar-Russja, li l-għan tagħhom huwa li jiddestabbilizzaw il-pajjiż u jimminaw il-perkors tiegħu lejn l-UE. F'dan il-kuntest, l-Unjoni pprovdiet appoġġ komprensiv lill-Moldova fl-indirizzar tal-isfidi li qed tiffaċċja bħala konsegwenza tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajn, u biex issaħħaħ ir-reżiljenza, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-pajjiż fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti diretti mir-Russja.

(8) Fl-24 ta' April 2023, il-Kunsill approva l-istabbiliment ta' Missjoni ċivili ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova fil-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni biex jipprovdi parir strateġiku u appoġġ operazzjonali fl-oqsma tal-ġestjoni tal-kriżijiet u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu. Sa mill-2021, l-UE pprovdiet ukoll appoġġ konsistenti permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Moldova fil-qasam militari u tad-difiża. L-iffirmar tas-Sħubija ta' Sigurtà u ta' Difiża bejn l-UE u l-Moldova fil-21 ta' Mejju 2024 issimplifika l-istruttura tal-kooperazzjoni tal-UE mal-Moldova fl-oqsma ewlenin tal-paċi, is-sigurtà u d-difiża. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova, adottat mill-Kummissjoni fl-10 ta' Ottubru 2024, għandu l-għan li jappoġġa r-riformi soċjoekonomiċi tal-Moldova u jsaħħaħ l-aċċess

tagħha għas-suq uniku tal-UE, b'riformi speċifiċi mistennija fil-qasam tal-governanza taċ-ċibersigurtà.

(9) Il-Kummissjoni vvalutat it-tliet kriterji deskritti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2025/38 fir-rigward tal-Moldova u tqishom issodisfati. Ikkonsultat ukoll lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà meta wettqet din il-valutazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-forniment ta' appoġġ mir-Riżerva tal-UE taċ-Ċibersigurtà lir-Repubblika tal-Moldova skont it-tifsira tal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2025/38 huwa b'dan awtorizzat f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni, sottomessa f'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2025/38.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha, u għandha tapplika għal massimu ta' sena.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*